# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 899/97

William Parnis

vs

Kap Kmandant tal-Forzi Armati

Illum 8 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1-1988, ir-rikorrent sofra ngustizzja meta gie mcahhad milli jiehu promozzjoni meta kien ben intitolat ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej :

1. Illi ir-rikorrent kien gie ingaggat fl-Armata fl-1976 u maz-zmien sar gunner.

2. Illi fl-1982, ir-rikorrent kien ha l-promozzjoni ghall-Bumbardier.

3. Illi meta hargu l-promozzjonijiet ghall-Surgenti u ghall-Staff sargeants, kemm fis-sena 1988 u 1992, ir-rikorrent dejjem gie maqbuz, minkejja l-esperjenza, l-kwalifiki u s-seniority li kellu.

4. Illi ir-rikorrent huwa kwalifikat fis-sengha A2 Plant Fitter, A2 Marine Engineer, fit-Third Class Education kif ukoll attenda ghall-Cadre Course u dejjem ghamel dmiru bl-akbar responsabbilita' u fil-fatt kien mehud mill-enginiera li gew fdati biex jigbru l-Patrol Boats mill-Yugoslavia.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan billi jinghata l-promozzjonijiet li kien haqqu, lura ghas-snin 1988 u 1992, flimkien mas-seniority li tilef, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra Risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li ecepixxa:

Illi primarjament ir-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' 1-Artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' 1-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi fil-promozzjonijiet li saru b' effett mill-11 ta' Mejju 1988, jirrizulta li l-ebda individwu li gie promoss ma qabez lir-rikorrent. Hawnhekk ir-rikorrent qed jallega li saret ingustizzja mieghu ghaliex gie mcahhad li jiehu promozzjoni meta kien intitolat ghaliha. Dan id-dritt jidher li r-rikorrent stabilixxih hu innifsu ghaliex bizzejjed wiehed isemmi li l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 li jigbor fih ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta' Malta jispecifika precizament li l-promozzjoni ghandha ssir skond rakkomandazzjoni bbazata fuq diversi kriterji bhal efficjenza, anzjanita, kwalifiki u ghazla biex timtela vakanza. Fil-kaz tar-rikorrent jirrizulta li ma kellux seniority bizzejjed u ma kienx hemm aktar vakanzi biex seta' hu jinghata promozzjoni. Ghaldaqstant ma jinhasx li saret xi ngustizzja mar-rikorrent f’dan ir-rigward.

Illi fil-kaz tal-promozzjonijiet li saru b' effett mill-20 ta' Jannar 1992 jidher li dawk li gew promossi u li kienu junior tar-rikorrent kienu b'xi mod jew iehor ikkwalifikati aktar mir-rikorrent.

Illi, jidher ukoll li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir regolamenti applikabbli, cioe, l-avviz legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fl-24 ta' Novembru, 1999 l-intimat irtira l-eccezzjoni dwar l-art 161 dwar il-Forzi Armati.

Ir-rikorrent ippresenta affidavit fejn semma li kien impjegat fl-armata fis-27 ta' Novembru 1976, fil-grad ta' gunner. Dejjem hadem bhala fitter tlett snin fil-garage u ghoxrin sena fil-Maritime Squadron. Matul iz-zmien fil-Maritime Squadron, hadem fuq l-patrol boats bhala Fitter u Engine Driver. Semma li ghandu Certificate of Education Class 3 u zewg kwalifiki teknici cioe' A2 plant Engine Fitter u A2 Marine Engine Fitter. Kien ghamel ukoll Cadre Course. Sostna li fil-promozzjonijiet qabzu minn mhux haqqu.

Sostna li l-Kurunell George Cini kien hareg mill-bagalja tieghu dokument kulur hadrani car u qallu li dik kienet il-lista tal-promozzjonijiet illi kienu ser jinghataw dak ix-xahar. Zied: "Dak in-nhar huwa kien urieh b'subghajh ismu mnizzel fuq il-lista tal-promozzjonijiet, izda dan kien maqtugh b'sinjal ahmar. Nghid illi dak in-nhar l-Kurunell Cini kien staqsieni x'kien gara izda hu suppost li kien jaf ghaliex ismi gie ngassat mill-lista tal-promozzjonijiet peress li hu kien superjuri tieghi. Minn dak iz-zmien 'l hawn jien qatt ma nghatajt sodisfazzjoni dwar x'gara u ghaliex wara li kont maghzul u ismi kin fuq il-lista tal-promozzjonijiet kien gie sussegwentamet ngassat bl-ahmar. Konsegwentament jiena kont gejt eskluz mill-promozzjoni fil-grad ta' surgent."

Lt Col. Mario Schembri ipprezenta dokument li juri l-promozzjonijiet li hargu fit-Task Force fl-1988 mir-rank ta` bumbardier ghal surgent. Isem ir-rikorrent jidher f` pagna numru 2 [fol 23], l-ahhar wiehed fil-lista, mhux ghax ha l-promozzjoni izda

biex juru postu li kieku ha l-promozzjoni dak in-nhar. Id-dokument l-iehor juri l-promozzjonijiet li saru b` effett mill-20 ta` Jannar 1992 fl-ewwel regiment minn bumbardier ghal surgent. Isem ir-rikorrent din id-darba jidher f` pagna wiehed [fol 20] biex juru postu fis-seniority u mhux ghax ha promozzjoni dak in-nhar.

Kif jidher mid-dokument imsemmi lir-rikorrent ma qabzu hadd fl-1988. Fl-1988 hu kien fit-Task Force, li kien indipendenti mir-regimenti l-ohrajn. Fl-1992 qabzuh 7 li kienu fl-ewwel regiment bhalu, u dan qieghed nirreferixxi ghal seniority. Mis-7, sitta kienu kwalifikati aktar minnu u s-seba` wiehed li huwa l-bumbardier Gusman Richard li kien jahdem fl-istess skwadra mar-rikorrent, kellu skala ta` edukazzjoni tlieta bhalu, imma t-trades li kellu r-rikorrent kienu superjuri. Ir-rikorrent kien jahdem abbord il-lanec bhala inginier u dan il-bumbardier Gusman kien in charge mill-workshops tal-woodwork dak iz-zmien. Ir-rakkomandazzjonijiet kienu saru a bazi tar-rakkomandazzjonijiet li kien ghamel l-O.C. ta` dak iz-zmien il-Kurunell Cini.

Xehed "Jiena kont Officer tal-Maritime Squadron u ghandi nghid li niftakar kemm lir-rikorrent kif ukoll lil Gusman u dwarhom ghandi nghid ukoll li t-tnejn niftakarhom jaghmlu x-xoghol taghhom sew, fiz-zewg postijiet differenti. Inzid nghid li fil-fatt kien senior tieghu anke mid-date of sub rank ghax fil-fatt waqt li r-rikorrent hadha fl-1984, Gusman hadha fl-1988. Ma hemm ebda dokumentazzjoni ghaliex Gusman qabez lir-rikorrent… nghid li fittixt fil-personal records tal-intimat biex nara jekk hemmx xi

raguni jew ohra ghaliex seta ma nghatax il-promozzjoni fl-1992 u ma sibt xejn negattiv.”

Fit-23 ta’ Mejju, 2001 r-rikorrent irrununzja ghall-ilment tieghu dwar il-promozzjoni tal-1988.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta’ Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

“Issa fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b’mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f’xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f’dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Dwar l-ilment tal-1988 ir-rikorrent irtira t-talba. Dwar il-promozzjonijiet tal-1992 li saru b` effett mill-20 ta` Jannar 1992 fl-ewwel regiment minn bumbardier ghal surgent jirrizulta li qabzuh 7 li kienu fl-ewwel regiment bhalu. Mis-7, sitta kienu kwalifikati aktar minnu u s-seba` wiehed kien l-bumbardier Gusman Richard li kien jahdem fl-istess skwadra mar-rikorrent, kellu skala ta`

edukazzjoni tlieta bhalu, imma t-trades li kellu r-rikorrent kienu superjuri. Ir-rikorrent kien jahdem abbord il-lanec bhala inginier u dan il-bumbardier Gusman kien in charge mill-workshops tal-woodwork dak iz-zmien. It-tnejn huma riferuti bhala nies li jaghmlu x-xoghol taghhom sew. Ir-rikorrent kien senior ta’ Gusman anke mid-date of sub rank ghax fil-fatt waqt li r-rikorrent hadha fl-1984, Gusman hadha fl-1988. Ma hemm ebda dokumentazzjoni ghaliex Gusman qabez lir-rikorrent. Ma instab xejn negattiv fil-files tar-rikorrent.

Donnu l-unika raguni li mmtotivat d-decizzjoni li Gusman jaqbez lir-rikorrent kienet il-kwalita’ ta' ’xoghol li jaghmlu. Izda hawn ghalkemm it-Tribunal jhoss li ma jistax wiehed jibbaza promozzjoni fuq tant u tant decizzjonijiet diskrezzjonali. L-ewwel u hekk sewwa bniedem jiehu l-promozzjoni jekk ghandu l-kwalifiki, seniority, efficjenza, rakkomandazzjonijiet ecc. Sa hawn tajjeb. Wara fl-Armata dejjem gie sottomess li wiehed irid ihares lejn l-promozzjonijiet bir-Regiment u ma jistax wiehed ihares lejn l-istess grad f’Regiment iehor. Wara ergajna skond it-tip ta'’xoghol, li ghalkemm hu argument validu ma jistax iwassal biex jiggustifika dak li gara f’dan il-kaz.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa’ ta-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ surgent b’effett mill-20 ta’ Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez bin-nofs.